

# Il-Bomba

Sr Emma Camilleri D.S.H.

Nerġgħu mmorru l-Kenja. Hemmhekk, l-iktar il-barranin, ma nistgħux noqogħdu bla alarm għax id-djar ikunu mbegħdin minn xulxin u jkunu perikolużi u faċli li jiġu attakkati mill-ħallelin. Veru li jkollna l-buttuna tal-alarm imma ma tridx tagħfasha għal kull ħaġa ta' xejn għax jibdew ġejjin pulizija u nies oħra tal-gvern li jwerwruk jekk jiġu bil-klieb. Irid veru jkun bżonn. Dan il-kunvent tagħna qiegħed fil-periferija tal-belt ta' Najrobi ftit 'il bogħod mill-qalba tal-belt.

Ġurnata waħda kienu s-6.00 a.m. Il-kelb beda jinbaħ bil-kbir. Meta jinbaħ għax ikun ra x-xadini fuq is-siġar jew xi annimal ieħor fil-ġnien biex jagħmel għalihom u jgerrixhom. Aħna ma konniex nagħtu kasu għax spiss kienu jidħlu. Dan ikun kelb tal-għassa u aħna hekk irriduhom. Imma din id-darba baqa' jinbaħ. Wara ftit tal-ħin ġie jħabbtilna l-għassies ta' billejl li kien jismu Ġeram u qalilna li fil-ġnien waddbulna bomba u li din il-bomba dalwaqt tisplodi għax qed taħdem.

Ħriġna naraw il-bomba li ddeskrivielna Ġeram. Veru kien hemm xi ħaġa li ħassbitna u din veru li kienet fil-ġnien tagħna. Din ix-xi ħaġa kienet kaxxa tal-ġablow, kwadra xi 12-il pulzier, b'magna ġo fiha li kienet taħdem u tinstama' sew. Kellha l-erjal miksur u fuq din il-kaxxa kien hemm miktub *'danger'*. Kienet mgħottija b'xi ħaġa, donnu għatu kbir tal-landa, imqabbad ma' din il-kaxxa u ftit 'il bogħod minnha kien hemm biċċa drapp tal-ħarir kbira. Jien kif rajtha għidtilhom "din qisha xi paraxut żgħir".

Ikkonfondejna x'nibdew nagħmlu. Billi kienet taħdem bdejna nibżgħu u veru ħsibnieha li se tisplodi. Jien dħalt niġri 'l ġewwa u għafast is-swiċċ tal-alarm.

Wara żewġ minuti biss waslet il-karozza bin-nies armati sa snienhom. F'idejhom kellhom iċ-ċniegi bil-klieb magħhom. Dawk stennew li se jsibu l-ħallelin għax dawk għalhekk qegħdin. Ħarġu ħamsa mill-karozza b'saħna u b'arja liema bħalha riedu jkunu jafu fejn huma l-ħallelin. Meta għidnielhom li m'għandniex ħallelin imma xi ħaġa agħar twerwru. Ħadnihom ħdejha u bdew jersqu qribha, jerġgħu jmorru lura, riedu kieku juruna li m'humiex jibżgħu, filwaqt li kienu mwerwrin għax bdew jisimgħuha taħdem.

Ġeram qabad zokk twil u beda jmissha mill-bogħod u dak il-ħin kulħadd beda jitbiegħed minn hemm għax beża' li se tisplodi. Jien kont fl-ors tiegħi meta bdejt narahom jikkummidjaw u jduru madwarha u jħarsu lejha b'ħarsa suspettuża. Ngħid is-sewwa jien ukoll kont qed nibża' xi ftit. Il-pulizija bdew jistħu jgħidulna li kienu qed jibżgħu imma fl-aħħar wieħed minnhom ammetta u qalilna li dik il-bomba ma kinitx ta' jdejhom.

Ċemplu lil xi pulizija oħrajn mill-vann tagħhom stess u smajthom jgħidulhom li fejn jidħlu l-bombi huma kienu responsabbli. Il-pulizija ġiet tiġri malajr bis-sirena ddoqq bħal tal-ambulanza biex kulħadd iwarrbilha daqslikieku nofs Najrobi qed jaqbad u fil-ġnien tagħna kellna depow sħiħ b'dawk il-pulizija kollha, bil-klieb u nies armati. Dawn il-pulizija tal-aħħar niżlu bl-istess arja tal-oħrajn u meta rawha u semgħuha taħdem beżgħu wkoll u lkoll daru ma' din ix-xi ħaġa. Sadattant bdew jinġabru ħafna nies. Naħseb li l-ġnien tagħna qatt ma kien ra daqshekk nies għax in-nies iġibu n-nies u kulħadd jieqaf iħares. Bdew jimbuttaw biex ikunu minn ta' quddiem u jaraw x'kien se jiġri. Il-pulizija bdiet tressaqhom lura għax beżgħu minn xi splużjoni.

Fl-aħħar kien għaddej Ingliż mit-triq li kien ġar tagħna u dan ukoll ried ikun jaf x'kien ġralhom is-sorijiet b'dawk in-nies kollha fil-ġnien.

Il-pulizija ħadu r-ruħ x'ħin rawh u warrbulu biex jgħaddi. Lanqas laħaq raha li ma qalilhomx "Dik *Meteorological Radio Sounding Instrument* u tibżgħux minnha!"

Qabadha, qatta l-karta u taha lili u newwel kollox 'il-pulizija. Dawk bdew iħarsu lejn xulxin b'ħarsa li tfisser "Kemm huma bravi l-bojod!"

L-Ingliż qalilna li dik iwaddbuha mill-ajru biex tbassar it-temp u dak il-ħoss li smajna għax kien għadu m'għaddhiex il-ħin tagħha li tieqaf waħedha. L-anqas ħaqq li werwret il-kelb, lilna, lil Ġeram, lil tas-sigurtà, lill-pulizija u lin-nies li kienu għaddejjin mit-triq u waqfu. Ilkoll ħsibnieha bomba tal-ħin.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba. Sakemm tistgħu tgawdu, gawduha l-festa tal-Vitorja, li aħna tant inkunu nixtiquha minn sena għall-oħra.